MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 920/2005

**Cutrico Services Limited**

**Vs**

**Lorraine Costa f'isimha proprju u f'isem is-socjetaċ G. Costa Catering Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjetaċ attrici, wara li qalet:

Illi permezz ta' ftehim datat 8 ta' April 2002, hawn anness u mmarkat dokument CS1 is-socjetaċ attrici kriet il-fond numru 4, Bisazza Street, Sliema, li kien maghruf bhala "County Leather Shop" lill-konvenuta nomine;

Illi dan il-ftehim ta' kera gie tterminat permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Marzu, 2004, debitament notifikata fuq il-konvenuta nomine, kopja ta' liema ittra ufficjali qed tigi hawn annessa u mmarkata dokument CS 2;

Illi l-konvenuta nomine hija debitrici fil-konfront tas-socjetaċ attrici fl-ammont ta' Lm41, 934.88 (wiehed u erbghin elf, disa' mija u erbgha u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmi) rapprezentanti MTA fee, refrigerated display stand u remote control ta' air-conditioner, kera, penali u interessi bit-8% sat-23 ta' Awissu, 2005 u dan kif jidher ahjar mill-prospett anness u mmarkat dokument CS 3;

Illi l-konvenuta Lorraine Costa, ikkostitwiet ruhha bhala garanti solidali ma' l-istess socjetaċ konvenuta fil-konfront tas-socjetaċ attrici u dan permezz ta' skrittura hawn annessa u mmarkata dokument CS 4;

Illi dan l-ammont huwa wiehed cert, likwidu u li ghalaq u ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta' xi fatt;

Illi nonostante li giet interpellata diversi drabi kemm bil-miktub kif ukoll verbalment is-socjetaċ konvenuta u baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjetaċ konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjara lill-konvenuta nomine debitrici favur is-socjetaċ attrici fis-somma ta' Lm41, 934.88 (wiehed u erbghin elf, disa' mija u erbghin u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmi);
2. Tikkundanna lill-konvenuta nomine thallas lis-socjetaċ attrici s-somma ta' Lm 41, 934.88 (wiehed u erbghin elf, disa' mija u erbgha u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmi);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta nomine li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn John Cutajar u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda l-konvenuti ma wrewx raguni tajba ghaliex ghandhom jithallew jikkontestaw il-kaz.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------